MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2015

Numru. 652/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Daniel Zammit;**
**Spettur Joseph Mercieca;**
**Spettur Malcolm Bondin**

**VS**

**George Farrugia detentur tal-karta tal-identita' numru 798652M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **George Farrugia** li gie akkuzat talli:

1. Dolozament, bil-hsieb li joqtol lil George Saliba jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi ta daqqa ta' strument li jaqta' u bil-ponta lill-istess George Saliba, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

2. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta' natura gravi ai termini tal-Artikolu 216(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq il-persuna ta' George Saliba, skont kif iccertifikat Dr Konrad Borg MD, liema offizi gew maghmula b'arma regolari;

3. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Doreen Saliba, skont kif iccertifika Dr Victor Buhagiar MD, u fuq il-persuna ta' Saviour Camilleri, hekk kif iccertifika Dr Philip Dingli MD, liema griehi gew ikkagunati b'arma regolari;

4. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u circkostanzi, filwaqt illi kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq, kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

5. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi, garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta, ta' liema xorta jkun, minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

6. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, ingurja u/jew hedded lil George Saliba, Doreen Saliba, u lil Salvu Camilleri, u/jew lil persuna ohra;

7. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u cioe’:

a. Fl-Artikoli 214, 215, 218(1)(a)(2) jew alternattivamente fl-Artikoli 214, 215, 216(1)(a)(c)(2), 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. Fl-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. Fl-Artikoli 6, 51(7), 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. Fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e. Fl-Artikoli 17, 31, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat il-provi kollha prodotti u semghet it-trattazzjonjiet u kkonsidrat:

Illi l-fatti specie ta’ din il-kawza si tratta ta’ glieda bejn membri tal-familja tal-imputat u l-familja tal-allegata parte leza. Kif ser jirrizulta mill-atti processwali, dawn iz-zewg familji gia’ kellhom diversi diverbji bejniethom fuq allegat xoghol ta’ mechanic u d-disturb li kien jikkrea.

Ghalhekk l-**Ufficjal Prosekutur Daniel Zammit** xehed illi hu fuq rapport ta' glieda gewwa Haz Zebbug u konsegwenti fiha feriment b'sikkina, kien acceda fuq il-lok tal-incident. Hemm sabu li ftit minn nies li kienu nvoluti f'dan l-incident kienu gia' qeghdin l-Isptar. Hemm sabu lill-akkuzat George Farrugia, certu George Saliba u Philip Farrugia – iben l-istess imputat. Qal illi aktar tard hu baghat l-Isptar ukoll lil Salvu Camilleri u George Saliba. Gie nfurmat il-Magistrat tal-Ghassa li ordna li ssir Inkjesta.
L-Ispettur kellem lil dawk involuti minn fejn irrizultalu li George, Carmen, u Philip Farrugia kienu fuq in-naha tar-residenza taghhom, u kien hemm disgwid ma' Salvu Camilleri u martu Mary, u qraba taghhom Philip u Michael Saliba. Ikkonferma mill-investigazzjoni tieghu, illi d-disgwid ta' bejniethom kien fuq garaxx li go fih allegatament Salvu Camilleri kien jaghmel xoghol ta' mechanic.

Ha l-istqarrija tal-akkuzat li ezebixxa bhala Dok DZ (folio 36); Dok DZ1 it-tieni stqarrija rilaxxata mill-imputat (folio 39); Dok DZ2 certifikat mediku fil-konfront ta' Doreen Saliba (folio 42); u Dok DZ3 a folio 93 certifikat mediku fil-konfront ta' George Farrugia.

Qal illi l-allegazzjoni kienet li fuq argument kien allegat illi l-imputat ta daqqa ta' sikkina lil George Saliba. Xehed illi hu rcieva s-sikkina allegatament uzata minghand Salvu Camilleri. Xehed l-Ispettur illi l-imputat kien qallu li s-sikkina hu kien uzaha biss wara li qala' daqqa ta' kanna go rasu.

Minn naha tieghu l-**Ispettur Joseph Mercieca** xehed illi l-imputat, qabel ma ttehditlu l-istqarrija, inghata d-drittijiet skont il-Ligi – dan ghazel illi jwiegeb ghad-domandi. L-

istqarrija ttiehdet kemm minn dan l-Ispettur kif ukoll mill-Ispettur Malcolm Bondin. Anke dan ikkonferma d-drittijiet moghtija lill-imputat fiz-zewg stqarrijiet ezebiti.

Xehdu kif gia' espost zewg membri ta' zewg familji. Dawk favur tista' tghid u dawk kontra l-imputat.

**Philip Saliba** qal illi hu waqt il-glieda tas-sikkina ma kinx prezenti. Ra lil iben l-imputat jigri bil-kanna fuq il-bankina, kanna bajda li kellu f'idu. Kellmu, staqsieh ghalfejn kienu qed jiggieldu mal-familja tieghu.
Fehem illi Salvu Camilleri kien ir-ragel ta' bintu Mariella Camilleri.
Qal illi kif wasal ra lil George Farrugia ferut, kellu d-demm ma' wiccu u mal-qmis. Eskluda li dan George kien mal-art. Qal illi rah jigri mat-triq, illi kien fuq saqajh, u li anke x'hin marret fuq l-ambulanza kien fuq saqajh.

Qal illi dan Philip Farrugia, ghalkemm imwiddeb mix-xhud, xorta ta daqqa lil ibnu bil-kanna, mentri ibnu qabad il-pushchair biex jilqa'.

Spejga li hu ra lil Salvu Camilleri hdejn id-dar taghhom, fejn il-garaxx. Iddeskriva li dan Salvu kellu xi daqqiet go daru u ma' saqajh, tant illi ma setax jimxi. Qal illi dan Salvu kien jimxi bil-krozzi ghax kien disabled.

Ra lil Philip Farrugia jolqot lil ibnu bil-kanna u l-iehor jolqot u jilqa' bil-pushchair.

Minn naha taghha **Doreen Saliba** spjegat illi hija fis-7.15 ta' filghaxija kienet hierga mid-dar taghha fl-1 ta' Lulju, 2009. Talbet lil ommha tigbor l-affarijiet mill-karozza taghha, din

Grace Saliba. Qalet illi sakemm din kienet qed tiehu l-affarijiet rat lil George Farrugia sejjer fid-direzzjoni taghhom. Saq b’velocita’ lejn ommha ghal fuq fuq ommha, skont ix-xhud, u beda jkellimha pastaz. Spjegat illi l-vettura tieghu kienet Peugeot 306 blu. Qalet illi hi ma kellmitu xejn. Dawret u baqghet sejra. Kif waslet lejn l-ahhar tat-triq rat lil dan George Farrugia jiggieled ma’ Salvu Camilleri li jigi r-ragel ta’ kuginitha. Rat fuq il-post anke lil iben l-imputat Philip. Spjegat illi l-vettura ta’ George Farrugia l-imputat kienet ipparkjata fuq ir-rampa tal-garaxx tieghu. Iddeskreviet li dak il-hin fuq il-post kienu George Farrugia u ibnu Philip, Saviour Camilleri u x-xhud. Xehdet illi rat lil George Farrugia johrog sikkina minn gol-bagoll tal-karozza u jpoggieha fil-but ta’ wara tan-naha tal-lemin. Hallieha hemm. Spjegat ukoll illi kemm George kif ukoll Philip gabu mir-rampa taghhom zewg kanen. Qalet illi huha li ma joqghodx ‘il boghod widdeb lill-imputat biex ihelliehom bi kwiethom. Ghal dan id-diskors tghid illi l-imputat hareg sikkina, resaq u tahielu minn taht, cioe’ lil huha George Saliba. Dan tghid illi ratu jigri.

Iddeskriviet is-sikkina bhala wahda bil-manku iswed tul qisu pied - hawn kienet qed tiddeskrivi x-xafra. Tghid illi rat li tah daqqa ta’ sikkina fuq in-naha tal-lemin. Qalet illi hi kienet ‘il boghod fil-hin tad-daqqa bejn zewg (2) u tliet (3) metri. Qalet illi Farrugia dar anke ghal fuqha biex jaghti lilha wkoll. Laqaghtha f’idejha u carrtilha tliet swaba. Tghid illi ngibdet lura. Dan l-imputat dar fuq Saviour Camilleri u dan qabadlu jdejh, cioe’ qabad idejn l-imputat biex ma jkomplix jwegga’ lil hadd izjed. Tkompli x-xhud illi Camilleri u Farrugia hawn waqghu fuq xulxin, li Camilleri waqa’ fuq George. Qalet illi dak il-hin wasal iben l-imputat Philip Farrugia u beda jaghti lil Saviour Camilleri fuq dahru bil-kanna. Spjegat illi George Farrugia kien daru mal-hajt, Salvu kien fuqu jzommlu jdejh

biex ma jxejjirx is-sikkina. Anke ndahlet mart George Farrugia li ppruvat skondtha tiftah idejn Saviour Camilleri. Qalet illi dak il-hin anke George Farrugia pprova jaghti bil-kanna. Prezentat ritratti li haditilha habibitha. Spjegat illi Saviour Camilleri qasam is-sikkina mal-art. Tghid ukoll illi Philip Farrugia anke beda jaghti lilha, laqaghtha f'idejha. Qabdet lil huha u haditu lejn l-Isptar.

Dwar il-griehi li sofriet, spjegat illi l-imputat laqaghtha fis-swaba, mentri qalet daqqiet go darha.

Xehdet ukoll illi hi b'George Farrugia ma seghetx tohrog ghax kien jghidilha hafna botti u kliem oxxen u mossi oxxeni. Xehdet illi kienu ilhom ghaxar (10) snin ghaddejin hekk.

In kontro ezami wiegbet illi dan l-incident ma garax fir-rampa tal-akkuzat, pero hdejn id-dar tieghu. Innegat illi hi meta ghaddiet bil-karozza minn hdejh ghajritu xi haga, qalet illi qaltlu "*Mela inti hekk taghmel!*", x'hin ghadda minn maghhom "*Kien ser itajjar lill-mummy.*" (folio 119).
Aktar tard ammettiet illi bir-rabja ta' dan hargitilha xi kelma. Innegat illi ghajritu pufta.

Ammettiet illi l-imputat kellu d-dmija ma' jdejh, anke li forsi kellu rasu maqsuma. Xehdet illi qatt ma rat li Salvu Camilleri f'idu kellu xi kanna, anzi nnegat ghal kollox dan. Ammettiet illi George Saliba kellu kanna f'idu, pero ma kinitx taf biha lil min sawwat.

Ziedet illi hi lanqas rat lil xi hadd jitfa' qasrija fuq xi karozza.

Ezebiet Dok DS a folio 127, erbatax(14)-il ritratt.

**Michael Saliba** spjega li George Saliba, li qala' d-daqqa, kien jigi ibnu. Qal illi hu ma kinx fuq il-post tal-incident: illi x'hin wasal ra lil Carmen Farrugia, mart l-imputat, li dahlet bil-Peugeot fuqu – dan kif kien ser jaghlaq il-bieba tal-vann. Kienet sejra ghal fuq it-tifel ta' huh illi kien mieghu George Saliba.

Qal illi fil-presenza tal-pulizija l-imputat beda jghajjat illi ried joqtolhom wiehed wiehed.

In kontro ezami jghid illi ra lill-akkuzat izomm rasu, qal jekk kien fil-glieda bil-fors kellu d-demm. Aktar tard pero qal illi ma rahx miksi bid-demm.

**George Saliba** qal ukoll illi hu wasal wara l-incident. Ra lil zitu Grace Saliba tibki, din tigi omm George li jigi kuginuh, dan li sofra daqqa ta' sikkina. Spjega wkoll illi qabel kien ma' zijuh Michael. Bhax-xhud ta' qablu, xehed illi ghodda mieghu kellu flawt, kazzola, u karretta. Innega li kellhom maghhom zappuna.

Qal illi sema' wkoll lit-tifel tal-imputat jghajjar u jghajjat u joffendiehom - b'referenza ghal Philip. Xehed illi sikktu u qallu kiesah, u fuq hekk dan kellu kanna f'idu u mar ghalih. Qal illi kien hemm pushchair barra, u laqa' bih ghax beda jaghtieh bil-kanna. Qal illi waslet mart George u tajritu bil-karozza. Hawn kien qed jirreferi ghal Carmen Farrugia.

Qal illi konsegwenza ta' dan ma kinx baqa' tajjeb biex jitla' fil-gholi fuq il-fallakki; illi hu kien installer tal-lifts.

**Mary Camilleri** xehdet illi semghet storbju gej minn barra tad-dar. Ittawlet u hemm rat lil zewgha Saviour Camilleri

mixhut mal-art wiccu ‘l fuq, u George Farrugia jzommlu jdejh. Spjegat illi zewgha kellu saqajh miftuhin u t-tifel Philip Farrugia kien qed jaghtieh f’siequ bil-kanna li kellu f’idu.

Spjegat illi zewgha kien juza prosthesis. Qalet ukoll illi s-sikkina ghand George gia’ kienet ratha u fuq dan kienet anke ghamlet rapport l-ghassa ta’ Haz Zebbug.

Tghid illi dakinhar is-sikkina ratha f’idejn zewgha maqsuma. Qalet illi bejn ir-residenza taghha u tal-imputat kien hemm plot tifridhom.

**George Saliba** l-iehor, allura issa dak ferut, xehed illi hu fid-data tal-incident kien go daru. Sema’ l-ghajjat gej minn barra, u meta ttawwal sab lill-imputat jiggieled ma’ ommu u ohtu Grace u Doreen Saliba. Hareg u staqsa x’gara. Qal illi l-imputat kellu sikkina fil-but, u tah daqqa biha. Qal illi fil-fatt kemm staqsieh u mill-ewwel dan dar u tah daqqa ta’ sikkina. Spjega li s-sikkina gabha minn but minn wara tal-qalziet. Qal illi ghalkemm fil-but ma rahix “*.....imma rajtu jgibha minn wara hekk minn gol-qazliet ta’ wara.*” Zied “*Mhux idawwar idu ghal wara johrog is-sikkina minn gol-but.*” (folio 242). Spjega li d-daqqa tahielu minn naha tal-lemin gol-pulmun. Qal illi hu ddefenda ruhu bil-kanna li kienet tal-familja Farrugia. Qal illi l-kanna sabha fit-triq. Ammetta li laqat lil George Farrugia. Kellu griehi gravi. Operawh u zammewh erbat (4) jiem l-Isptar. Operah Mr Manche’. Gie ezebit minnu Dok GS1, li huma r-rizultati medici tieghu. Zied illi hu beda joffendieh, anzi joffendu lil xulxin, u kien hawn li qala’ s-sikkina u taptaphielu mill-ewwel.

Spjega li konsegwenza tal-griehi, hu lanqas baqa’ jaghmel xoghol fil-gebel. Qal illi ma jistax jerfa’ pizijiet kbar.

Qal illi hu hareg u mar id-direzzjoni ta’ fejn kien il-litigju. Qal illi hu hareg ghax sema’ lil ommu u lil ohtu jghajtu. Sema’ t-tghajjir bejniethom. Zied illi hu gabar il-kanna wara li tah id-daqqa ta’ sikkina. Qal illi bil-kanna tah daqqa wahda biss. Qal illi wara li tah id-daqqa beda jghajjat u qabditu ohtu u haditu gol-karozza.

Ezebixxa d-dokument GS1, fotokopja ta’ certifikat mediku rilaxxat minn Mr Manche’.

Iddeskriva li Saviour Camilleri qabad lill-imputat minn idu u beda jzommlu s-sikkina. Ammetta li lil George Farrugia wara d-daqqa tal-kanna rah mal-art, ammetta li tah bil-kanna go rasu.

**Salvu Camilleri** da parti tieghu spjega li kien hemm diversi diverbji bejnu u l-imputat, ghax anke kien ittantalu l-mara u ghax ma tatux wicc beda skondtu jivvendika ruhu minnu. Tkellem dwar dak illi gara il-gurnata tal-incident. Qal illi sema’ l-istorbju gej minn barra, waqt illi hu kien gewwa fil-garaxx. Sema’ min joffendi lil xulxin. Dawn kienu l-familja Farrugia u l-familja Saliba. Sema’ lil Grace, George, u Doreen Saliba, nies li jigu mill-mara tieghu, kugini taghha. Qal illi meta hareg barra ra li bdew jattakkaw lil xulxin. Qal illi Farrugia, x’hin hu hareg barra, beda jghajjar lilu personalment. Spjega li fil-bidu bejniethom ma kinx hemm kuntatt fiziku. Kien hemm biss tghajjir. Qal illi kif hareg hu, Farrugia qala’ s-sikkina u wahhalha f’sider George Saliba. Qal illi hu kien qrib l-incident qisu pied. Spjega li s-sikkina Farrugia harigha minn wara, minn wara dahru, u wahhalha f’sider George. Qal illi hu tefa’ jdejh fuq George biex ma jkomplix idahhalhielu. Zamm ukoll minhabba hekk lil

Farrugia minn idu. Qal illi laqtu meta hareg is-sikkina minn sider George go ghonqu. Qal illi mart George bdiet anke zzommlu jdejh lix-xhud, mentri hu qabad idejn l-imputat u s-sikkina beda jzommha mal-art. Qal illi minnufih qala' daqqa kbira go dahru. Iddeskriva dan bhala daqqiet kbar, pero baqa' jzomm jghid is-sikkina u anke rnexxielu jaqsamha fi tliet (3) bicciet mal-art. Qal illi x'hin qasam is-sikkina sema' lill-imputat jghid "Ajma!". Qal illi hu kull ma ghamel mar iferraq u jaqla' mal-art. Iddeskriva li x'hin qam l-imputat dan kien kollu demm.

Iddeskriva li hin minnhom is-sikkina kienet kemm f'idu u kemm f'idejn l-imputat, kif ukoll f'idejn mart l-imputat. Iddeskrivieha bhala wahda li kien fiha anke aktar minn ghaxar (10) pulzieri. Jghid illi kien hu li gabar is-sikkina minn mal-art, il-partijiet kollha. Tahom lill-pulizija.

Baqa' nsistenti li l-imputat kien imqabbad mieghu minhabba martu. Spjega li hu kellu kundizzjoni medika prekarja stante li kien amputee mill-pala ta' saqajh, nofsha. Qal illi kellu certu mpedimenti minhabba saqajh. Spjega li din il-kundizzjoni pero ma kellha xejn x'taqsam mal-incident in ezami. Ezebixxa bhala dokument SC certifikat tal-griehi li sofra fil-gurnata tal-incident (folio 332); iehor mahrug minn Dr Alex Sultana Dok SC1; u iehor mahrug mill-prosthetics units bhala Dok SC2.

In kontro ezami kkonferma li kien isuq karozza normali u gieli trakkijiet zghar. Qal ukoll illi gieli kien imur ghall-kacca, pero xorta baqa' nsistenti li ma tantx seta' jimxi. Ammetta wkoll illi gieli kien jahdem fil-kostruzzjoni, ghalkemm qal illi mhux hafna, b'dan pero li eskluda li kien jahdem fil-bini ghax xehed illi ma setax stante li ma setax igorr affarijiet tqal.

Innega li hu sawwat lill-imputat. Qal illi hu kull ma ghamel iddefenda ruhu. Qal illi ghalkemm sema' lill-imputat jghid "*Ajma!*", ma kinx jaf min fejn qala' d-daqqa. Baqa' jinsisti li hu ma kien sawwat lil hadd. Qal illi sar jaf min ta d-daqqiet lill-imputat wara, meta George Saliba ammetta fil-Qorti. Dwar George Saliba qal illi dan meta qala' d-daqqa, dan baqa' b'sahhtu ghall-mument, wara beda jcedi. Qal illi ghalkemm madwar George Farrugia kienu mdawrin George Saliba u hu, xorta ma kinx jaf minn warajh min tah. Qal illi hu kien mohhu fis-sikkina biss meta George kien laqtu, waqt illi kien qed jaqla' d-daqqiet go dahru. Qal illi ghalih sawtu t-tifel tal-imputat ghax kien warajh. Eskluda li qala' s-swat minn membri tal-familja tieghu. Insista, muri r-ritratti tal-griehi sofferti minn Philip Farrugia, illi ma kinx hu li ghamilhomlu.

Dwar id-dmija qal illi hu jekk kellu kien gej mis-sikkina mid-daqqa, u ghax l-istess kienet mimlija kollha demm. Ma kinx jaf il-griehi sofferti mill-imputat.

Mistoqsi mid-Difiza jekk barra li gabar is-sikkina u taha lill-pulizija, gabarx ukoll hadida, wiegeb illi ma ra ebda pipe jew kanna.

Insista li hu mal-imputat ma kellu ebda disgwid; illi kien jaghmel gol-garaxx xoghol ta' mechanic, imma ta' natura hafifa. Qal pero li l-inkwiet bejniethom beda minhabba l-mara.

Gharaf ukoll mir-ritratti ezebiti, is-sikkina maqsuma.
Muri r-ritratti li juru kanna u xi premm, wiegeb illi b'dawn ma kien jaf xejn. Lanqas ma kien jaf bit-ticpis ahjar jew bil-qasrija gol-karozza. Pero kien jaf li l-karozza murija kienet ta' Carmen Farrugia, mart l-imputat.

**Raymond Caruana** qal illi r-ragel ta' ohtu talbu jcempel l-Ambulanza. X'hin hareg barra ra lill-imputat bit-t-shirt ma' rasu mimli kollu demm. Ra wkoll lit-tifel tieghu mixhut mal-art fuq it-tarag tad-dar tieghu – kien qed jaghmel referenza ghal Philip Farrugia. Jghid illi dan kellu dmija fuq rasu u sidru, u kien jidher maghdur hafna bid-daqqiet li qala'. Xehed illi sema' wkoll lil Michael Saliba jghajjar u jghajjat lil u mal-imputat. Dan kellu skondtu zappun f'idu, u kien qed jisfida lill-imputat ghall-glied, tant illi hu mar jipprova jikkalma lil dan. Hawn jghid ix-xhud illi hu ghajjat lil Salvu biex johodlu z-zappun minn idu u dan hekk ghamel.

Qal illi l-imputat kien jigi r-ragel ta' ohtu. Qal ukoll illi Salvu wrieh is-sikkina li kellu f'idu u qallu "*Ara biex ser jaghtina.*" George Farrugia minn naha tieghu wrieh il-kanna li biha skondtu qala' go rasu.

Qal illi kien jaf li George Farrugia u Salvu Camilleri gieli argumentaw bejniethom.

**George Pace** xehed illi kien qed jara t-TV u sema' ghajjat u storbju gej. Hareg u sab lin-neputi fuq it-tarag, b'rasu mimlija demm. George Farrugia skondtu kellu xugaman jew t-shirt ma' rasu. Qal illi hu mar iferraq lil George u lil Salvu. Ma ra ebda armi jew skieken.

Dwar l-incident innifsu xehed aktar tard viva voce l-istess **imputat**.
Il-Qorti ser tezamina dik ix-xhieda, inkluz ukoll dak illi qal l-imputat fl-istqarrija tieghu.

Jigi premess pero qabel dan, illi kif gia' msemmi gew prezentati c-certifikati medici tal-griehi sofferti mill-persuni partecipanti ghal dan id-diverbju u glied.

**Dr Conrad Borg** xehed dwar il-griehi sofferti minn George Saliba - qasma ta' 2.5cm fil-parti ta' isfel tal-lemin tal-koxxa ta' sidru, tant illi kellu l-pulmun li kkollassalu. Iddeskriva l-griehi bhala gravi minhabba li pperforaw cavita' tal-gisem (Dok CB folio 30). Ghalih il-griehi kienu kompatibbli ma' strument li jaqta'.
Gie ezebit anke l-file mediku ta' George Saliba li jirrifletti l-griehi sofferti. Il-ferita u l-management tal-istess giet anke kkonfermata bix-xhieda ta' Mr Alex Manche'.

**Dr Victor Buhagiar** da parti tieghu xehed dwar il-feriti sofferti minn Doreen Saliba li ddeskriva bhala ta' natura hafifa – tbengil u feriti zghar fuq subghajha.

**Dr Mario Scerri**, mahtur fl-Inkjesta ezebixxa r-relazzjoni tieghu tal-griehi kollha minnu konstatati - dan fil-konfront ta' George Saliba, Philip u George Farrugia.
"

1. *Illi l-lezjoni deskritta fuq in-naha tal-lemin tas-sider ta' George Saliba kienet friska, kienet aktar fonda milli kienet twila, ippenetrat il-kavita' toracika u hija klassifikata bhala stab wound maghmula minn strument li jaqta' minn naha wahda (one sharp cutting edge);*

2. *Illi peress illi Saliba garrab pneumothoras gie nserit intercostals drain;*

3. *Illi din il-lezjoni hija wahda ta' natura gravi;*

4. *Illi l-lacerazzjoni deskritta fuq ir-ras ta' Philip Farrugia hija kontemplata ma' blunt trauma maghmula minn strument li ma jaqtax u bla ponta;*

5. *Illi l-lezjonijiet deskritti fuq id-dahar kienu kollha kompatibbli ma' blunt trauma maghmulin minn strument attwali bhalma hija kanna tal-hadid;*

6. *Illi mill-lezjonijiet deskritti jidher car illi Philip Farrugia safa' msawwat bi strument li ma jaqtax u bla ponta u li huwa tawwali;*

7. *Illi l-lezjoni deskritta fuq ir-ras ma kinitx tinvolvi l-kranju jew il-mohh u ghalhekk hija klassifikata bhala lezjoni ta' natura hafifa bhalma huma l-lezjonijiet ohra deskritti;*

8. *Illi l-lezjoni deskritta fuq ir-ras ta' George Farrugia kienet kagunata minn blunt trauma u maghmula minn strument li ma jaqtax u bla ponta;*

9. *Illi l-frattura deskritta fuq C5 hija ta' natura gravi per durata u kompatibbli ma' blunt trauma;*

10. *Illi l-fratturi deskritti fit-transverse processes ta' L1, L2, L3, u L4 huma ta' natura gravi per durata u rizultat ta' blunt trauma.*"

**PC 1133 Joseph Borg** qal minn naha tieghu li meta wasal fuq il-post tal-incident gie avvicinat mill-imputat li kien mimli kollu demm u ghaddielu hadida ta' bejn wiehed u iehor zewg (2) pulzieri, u qafas ta' pushchair; mentri Salvu Camilleri

ghaddielu sikkina maqsuma ta' circa ghaxar (10) pulzieri li hu ghadda lill-pulizija.
Tawh a tempo vergine l-verzjoni taghhom – Camilleri li Farrugia l-ewwel agredixxa lil Saliba, u wara mar ghalih; u Farrugia minn naha tieghu li kien ser jigi aggredit minn Camilleri.

Qal illi Farrugia ndikalu wkoll illi hu u ibnu kienu qalghu xebgha pipe.

**<u>WPC 99 Josette Pace</u>** kkonfermat illi l-imputat ma kellu ebda licenzji biex izomm armi.

Kif gia' qalet il-Qorti, George Farrugia rrilaxxa zewg (2) stqarrijiet fil-kors tal-investigazzjoni. Harsa lejn l-eta' tal-imputat meta rrilaxxa l-istess stqarrijiet u l-fedina penali tieghu (allavolja mhix mizghuda b'reati allarmanti), turi skont din il-Qorti li l-imputat ftit li xejn seta' kien vulnerabbli jew suggett ghal xi pressjoni meta giet rilaxxata l-istess.
Tqis ghalhekk illi z-zewg stqarrijiet huma ammissibbli u tghaddi biex tifli l-punti saljenti rizultanti mill-istess.

Qal illi mal-wasla tieghu d-dar, waqt illi kien qieghed idahhal il-vettura tieghu Peugeot blue god-drive-in, ghaddiet Doreen Saliba fil-karozza taghha, ghajritu pufta u hu rrisponda billi ghajjarha lisbjana.
Qal illi hareg mill-garaxx Salvu li meta rahom jitghajru, rega' dahal fil-garaxx u hareg b'hadida f'idu. Qal ukoll illi nel frattemp George Saliba z-zghir qabad qasrija u tefaghha fuq il-karozza tal-imputat – skondtu faqa' l-hgiega u din giet fuq is-seat. Qal illi hu mar lejn id-dar tieghu u Salvu tah daqqa ta' hadida go rasu. Hawn jghid illi hu storda, waqa' mal-art. Salvu qabez fuqu u tah daqqtejn go genbu, jghid x'aktarx

b'irkubbtejh. Spjega li qabadlu wkoll idejh il-leminija u beda jdawwarhielu 'l hemm u 'l hawn. Qal illi ibnu Philip mar biex iferraqhom u issa George Saliba ta daqqa ta' hadida anke lit-tifel. Qal illi hu ntilef minn sensieh u baqa' mal-art. X'hin qam ra lil ibnu mixhut fuq it-tarag u qal lil Salvu li jekk kien qatillu t-tifel kien ser ipattihielu. Jghid illi hawn Salvu telaq fil-garaxx jghidlu li ried igib is-senter, pero martu u ommu qalulu biex ihalluh hemm. Qal illi meta mar fuqu kissirlu anke l-mobile, in-nuccali tal-vista', l-arlogg, u qattaghlu anke l-qmis. Qal illi kif waslu tal-Mobile kienet diga' waqfet il-glieda, pero ddeskriva li barra Michael u Philip kien hemm iehor daqsxejn qawwi li kif ra lill-mart l-imputat gejja tipparkja, qabad pushchair abjad li kien hemm mal-art u gie biex jaghtieh biha, anke ta daqqa ta' ponn mal-bumper tal-vettura tal-mara. Qal ukoll illi George Saliba anke qabad zappun mal-vann, u ried imur ghalihom biex joqtolhom.
Spjega li x'hin wasal id-dar hu ra kemm lil George u lil Doreen iparlaw u jghid illi hu baqa' ghaddej biex jipparkja.

Mistoqsi li George Saliba qala' daqqa ta' strument bil-ponta, wiegeb illi ma kinx vera u li kienu anke baghtulu darbtejn il-pulizija biex ifittxulu. Pero zied "*Nammetti li bil-biza' u twerwir li kelli u huma mdawrin kollha mieghi, jista' jkun li tajthielu jiena x'hin kont mal-art. Dan gara bejn il-karozza tieghi u tal-mara.*" (folio 37).

Ma ftakarx pero kif id-daqqa kienet tidher u anke x-xhieda qalu li hu ta d-daqqa ta' sikkina x'hin kien bil-wieqfa. Qal "*Jista' jkun li min tani l-ewwel imbaghad jien xejjirt biex niddefendi lili nnifsi.*" (ibid)

Mistoqsi minn fejn giet is-sikkina, qal illi kien jahseb illi hu kien gabha mid-drive-in.

Mistoqsi ghax kienet hemm wiegeb "*Kumbinazzjoni kienet hemm ghax jekk inhi tieghi, ghax seta' gabha f'idu.*" (ibid) Cahad illi hu ta l-ewwel daqqa.

Mistoqsi ghala Salvu ssara mieghu wiegeb "*.....forsi ghax kelli dak l-oggett f'idi bl-istess beza' li kelli …….*" (ibid)

Fit-tieni stqarrija cahad illi hu s-sikkina gabha mill-bagoll tal-karozza. Qal illi xhur qabel, fuq rapport anonimu, il-pulizija kienu fittxewlu fil-karozza u ma sabulu xejn. Insista li hu kellu s-sikkina li kien izomm fil-front garden biex jaqta' l-haxix. Qal illi ma kinx jiftakar illi hu qabad dik is-sikkina. Spjega li din is-sikkina hu kien ihallieha fil-hamrija, illi kellha xafra pulzier u nofs (1 ½) sa zewg (2) pulzieri, pero baqa' nsistenti li jekk hu kien qabad xi haga, ma kinx jiftakar. Mistoqsi allura jekk setax uza sikkina ohra fil-konfront ta' George Saliba, wiegeb illi ma kinx jaf li uza sikkina fuq George Saliba, anzi qal illi kull ma kellu kienu c-cwievet tal-karozza.
Qal hekk ukoll:
"*Jien mhux qed nghid li ma wzajtx xi haga biex niddefendi ruhi, biss jien mhux qed niftakar. Jien fl-art kont. X'hin kont bil-wieqfa ma kelli cans nuza xejn. Huma hargu ppreparati.*" (folio 40).

Zied illi huma, cioe' l-familja tieghu, minn dawn il-girien kienu mwerwrin u li kienu ilhom jghixu hekk ghal madwar tminn (8) snin.

Innega li hu fera lil George Saliba ghax qal illi lanqas kellu cans jiccaqlaq. Pero ma ftakarx kif dan George gie ferut. Inista li qabel ma qala' l-ewwel daqqa go rasu ma kellu xejn f'idejh.

Minn jeddu viva voce spjega dwar dan l-incident in ezami, u qal illi kienu ilhom jghixu fit-triq fejn okkorra dan l-incident ghal tnax(12), tlettax(13)-il sena, u li l-incident inqala’ stante li Salvu Camilleri li jghix hdejh, jahdem ta’ mechanic gol-garaxx li kellu mad-dar b’disturb kbir ghall-girien. Spjega li dan ma kellu ebda permess illi jaghmel dan, u nonostante l-varji rapport u anke petizzjonijiet baqa’ inadempjenti. Saru anke skondtu rapporti mal-MEPA. Spjega wkoll illi fiz-zona tar-residenza tieghu, apparti li kien jghix hemm Salvu Camilleri, kienu jghixu wkoll il-familja estiza tieghu – semma lil George Saliba, Doreen Saliba, Michael Saliba, u Grace Saliba.

Xehed ukoll dwar incidenti ohra li nqalghu bejniethom fejn Camilleri mar anke jigri warajh b’hadida. Incident iehor kien fl-elezzjoni tas-sena 2008, fejn skondtu Salvu Camilleri, George Saliba, Doreen Saliba, u Michael Saliba faqaghlu skondtu l-bieb. Qal illi f’kawza minnhom kien hemm impost fuq Saviour Camilleri u martu li ma jkellmuhx ghal sentejn (2).

Qal dwar Saviour Camilleri li nonostante li kienu anke jirrappurtawh lill-pulizija u dawn kienu fil-fatt imorru fuq il-post, dan kien ikun ta’ xejn ghax dan kien jigi jaqa’ u jqum mill-gustizzja.

Qal illi dakinhar tal-incident lejn is-7.00pm, kien wahdu qieghed jirritorna d-dar. Qal illi Doreen Saliba li kienet barra, x’hin ratu bdiet tghajru pufta. Minn naha tieghu hu xehed illi beda jghajjarha lisbjana. Qal illi ghalhekk huma bdew jghajru lil xulxin u kien hawn illi hareg jigri minn gol-garaxx Saviour Camilleri li skondtu qabad qasrija u tefaghhielu fil-karozza

tieghu. Rah jaqbad il-qasrija. Gharaf ir-ritratti ezebiti li juru din il-qasrija fil-karozza. (Per parentesi dawn huma ritratti li gew ezebiti minn PS 46 Charlot Casha u PC 826 Matthew Parnis, mahtura appozitament fl-Inkjesta Magisterjali).
Qal illi hu ghax basar x’kien gej, nizel biex jiftah il-garaxx biex idahhal il-karozza – hawn jghid illi hass daqqa go rasu. Jghid illi waqa’ mal-art, intilef minn sensieh. Xehed illi ra biss lil George ixejjer bil-hadida u Saviour Camilleri jzommu b’idejh u jaghtieh b’irkubbtejn gol-istonku. Qal illi x’hin gie f’sensieh ra lil Saviour Camilleri jzommu minn idu u l-iehor ixejjer bil-hadida (b’referenza ghal George). Spjega li hu kien qieghed jigi mizmum fl-art minn Camilleri u li kien qed jaqla’ daqqiet kemm minn naha tax-xellug kif ukoll tal-lemin. Wera lill-Qorti l-qasma li kellu f’rasu kagun ta’ hekk, illi qal illi gietu konsegwenza tad-daqqa tal-hadida. Spjega li kellu wkoll tliet (3) irkiekel imxaqqin.

Spjega li ra l-hadida f’idejn George Saliba, il-pushchair f’idejn George Saliba n-neputi, liema pushchair dan waddab lill-mara tal-imputat, mentri jghid illi z-zokk tal-Christmas Tree kien fil-fatt f’idejn il-mara ta’ Saviour Camilleri. Iddeskriva li kienu kollha mdawrin mieghu. Qal ukoll illi kienu George u Doreen Saliba li taw lit-tifel tieghu u li dan kien ghadu mal-art sakemm waslu l-pulizija.

Spjega li ibnu Philip Farrugia mar jimbotta lil Saviour Camilleri minn fuqu u ghalhekk xejjirlu daqqa ta’ hadida, tant illi dan waqa’ mal-art stordut, u beda anke johrog rahwa minn halqu.

Spjega li hu qam minn mal-art x’hin ibnu mbotta lil Saviour minn fuqu. Hawn ibnu qala’ d-daqqiet tal-hadida. Qal illi huwa xorta, ghalkemm qam bil-wieqfa, kien ghadu qed ihoss

id-daqqiet. Qal illi George Saliba bil-hadida forsi laqtu darba go dahru, pero xorta baqa' jxejjer. Qal ukoll illi kien jaf li George Saliba laqtu go ghonqu fejn kellu tliet (3) irkiekel imxaqqin u miksurin.

Qal illi meta martu giet lura mill-ghassa, George Saliba (mhux li kien tah id-daqqa, kuginuh), qabad pushchair, mar quddiem martu bil-pushchair, ta daqqa bil-ponn fuq il-karozza u mbaghad waddbilha l-pushchair.

Mistoqsi jekk indunax illi Geoge Saliba kellu d-dmija, wiegeb illi fl-istess illi ma kien induna b'xejn. Spjega li hu kif kien wera lill-Qorti, kellu mohhu miftuh. Xehed illi kellu wiccu miksi bid-demm. Zied illi hu kien jaf x'kellu George Saliba biss x'hin mar l-Isptar u qallu l-Ispettur Daniel Zammit.

Muri r-ritratti tas-sikkina, wiegeb illi s-sikkina kienet fil-fatt tieghu, li kien ihallieha fid-drive-in biex jaqta' l-haxix hazin. Qal illi qatt ma kien izommha fuqu. Qal illi kienu dahlu diversi telefonati anonimi dwaru li kien qieghed igorr sikkina fil-karozza, pero qatt ma sabulu xejn. Qal biex zgur ma jsibulu xejn, ma kien izomm xejn fil-karozza. Zied illi s-sikkina kien izommha f'qasrija kbira bil-fjuri. Din kienet l-istess '*drive-in*' fejn qala' d-daqqa kif ukoll waqa' mal-art. Spjega li d-demm tieghu kien dak kollu li kien jidher mal-grada tieghu sal-karozza tieghu.

Zied illi kieku s-sikkina kienet ghandu mill-bidu kien ikun akkuzat b'omicidju mhux bodily harm. Spjega li dan ghax tant kien ilu jaqla' minghandhom.

Mistoqsi jekk qabadx is-sikkina x'hin kien mal-art wiegeb illi x'hin kien qieghed jaqla', hu bil-biza' li kellu ghal hajtu u

ghall-familja tieghu, kieku seta’ jiggranfa ma’ kull ma kien jigi ghal ghajnejh, hekk kien jaghmel. Qal illi ma felahx jissaporti daqs kemm kien ilu jaqla’ minghandhom. Qal illi kien ilu tnax(12)-il  sena jghix fl-infern. Zied illi kieku ma dahlux fin-nofs Doreen u George Saliba u Saviour Camilleri, kienu biss jitghajru u l-bicca kienet tieqaf hemm.

Spjega li tant kien ilu jirraporta l-lanjanzi li quddiem is-seduta tad-distrett kien hemm bejn tmintax(18) u ghoxrin (20) kawza pendenti. Dan dejjem fuq ix-xoghol bla permess li kien isir fil-garaxx biswit.

Xehed illi hu dam l-Isptar bejn tnejn (2) u tliet (3) gimghat.

Spjega, muri r-ritratt bin-numru 118, illi kien juri d-demm wara li qala’ d-daqqa. Spjega li kienet l-istess karozza li nkisritlu l-hgiega bil-qasrija.

Muri r-ritratti bin-numru 158, qal illi dan kien juri l-injama li biha bdiet jxejjer omm Saliba. Din kienet fil-vettura ta’ Saviour Camilleri (vide ritratt numru 154).

Muri r-ritratt 151, identifika s-sikkina li skondtu kien ra l-ewwel darba l-Qorti.

Gharaf ukoll ir-riratti li juru r-residenzi kemm tieghu kif ukoll dik ta’ Saviour Camilleri, fejn bejniethom kien hemm dar tifred.

Gharaf ukoll fir-ritratti l-pushchair u l-hadida wzati, kif gia’ spjegat.

Insista li x’hin gara l-kaz ma jiftakarx li kellu sikkina f’idu.

Dwar dak illi xehed is-Sur George Saliba meta qal illi hu konsegwenza tal-griehi ma setax jahdem u ma seta' jaghmel xejn, zied illi hu kien baqa' jsegwieh u anke johodlu r-ritratti. Prezenta ghalhekk sett ritratti li kienu juru lil dan George Saliba jaqta' l-gebel fuq magna u jippartecipa f'xoghol ta' kostruzzjoni.

Dwar il-vetturi nvoluti xehed illi z-zewg vetturi Peugeot li kienu jidhru fir-ritratti – dik blue u dik hamra, kienu tieghu u ta' martu. Dawn skondtu t-tnejn sofrew danni.

Dwar is-sikkina nsista li din kien izommha fid-drive-in. Spjega li din kienet l-istess drive-in fejn hu qala' daqqa ta' hadida, fejn skondtu Saviour Camilleri zammu mal-art u George kien qed jaghtieh bil-hadida. Ghamel referenza ghal ritratt li juri fil-fatt id-demm, skondtu tieghu, hemm imxerred.

**<u>Philip Farrugia</u>**, iben l-imputat, xehed illi fi zmien l-incident hu kien ghadu student. Zied illi kein jghix mal-familja tieghu. Spjega anke hu d-diffikultajiet li kellhom mal-gar ghax kien jahdem ta' mechanic bla permess, dan mis-sena 1998. Qal illi l-familja tieghu gieli kienu joffenduh u jobzqu u affarjiet hekk relatati.

Dwar l-incident qal illi kien qieghed jistudja fil-kamra, u sema' l-istorbju gej minn barra. Ittawwal mill-gallarija u ra l-karozza ta' Doreen Saliba u lill-istess Doreen tghajjar u toffendi lil missieru – l-imputat. Spjega u qabel illi apparti l-mechanic fl-akkwati taghhom kien hemm anke jghixu l-familja tieghu. Qal illi dak il-hin missieru kien qieghed fid-drive-in idahhal karozza b'lura. Qal illi Doreen kienet qed tghajjar lil missieru 'pufta', mentri missieru beda joffendieha

lura. Qal illi waqt li baqa' ghaddej il-battibekk bejn missieru u din Doreen, ra lil huha li joqghod kantuniera 'l boghod, George Saliba, sejjer lejhom. Rah hiereg bis-salt. Rah jaqbad pjanta u jwaddabha bis-sahha fid-direzzjoni ta' missieru. Qal illi din dahlet fil-karozza mit-tieqa tan-naha tal-passiggier, dejjem fil-karozza li kien appena pparkja missieru.

Qal ghax gia' kienu aggredewhom fl-elezzjoni, huwa nizel jghin lil missieru. Kif fetah il-bieb xehed illi ra lil Saviour Camilleri, il-mechanic, u lil George Saliba hergin mill-garaxx bil-kanen f'idejhom. Beda jghajjat "*Daddy ar'hemm!*", pero lahqu tawhielu go rasu. Hawn hu kien gia' isfel, fit-tarag fl-indana. Dan kif wera fir-ritratti huwa tarag li jaghti ghall-bieb ta' barra tad-dar. Xehed illi missieru f'dak il-hin kien qieghed jipprova jiftah il-garaxx u kien hawn illi giet id-daqqa. Qal illi f'dak il-mument Saviour Camilleri ntefa' fuq missieru jzommu mal-art. Iddeskriva li kien qisu bil-qieghda fuqu, irkubbtejh mal-genb tieghu, izommlu jdejh 'l isfel. Beda anke jaghti bl-irkoppa lil misiseru.

Zied illi hu pprova jnehhi lil wiehed minnhom, Camilleri jew George Saliba, minn fuq missieru. Prova anke jiehu l-kanna minn idejn George Saliba, pero qal illi dak il-hin ta daqqa anke lilu go rasu. Qal illi ghalkemm intilef xi ftit minn sensieh, xorta rnexxielu johodlu l-kanna u tefaghha gol-indana. Qal illi hawn missieru kien ghadu mal-art mitluf minn sensieh, u ressqu aktar lejn l-indana, pero qabel dan qal illi marret omm Doreen Saliba u hawn beda jhoss id-daqqiet minn wara. Ftakar illi ra lil ommu sejra bil-karozza. Hawn lahaq wasal vann iehor, ukoll bil-familjari ta' Saviour Camilleri. Nizel wiehed minhom, mar hdejn il-karozza ta' ommu li kienet giet lura u taha daqqa ta' ponn fuq it-tieqa tal-karozza u faqaghlha t-tieqa tan-naha taghha.

Qal illi dak il-hin waslu l-pulizija u hu hassu jistrieh. Zied illi huma kif raw lill-pulizija harbu, missieru bil-pass mghaggel. Spjega li darba fl-ambulanza anke ntilef minn sensieh. Sofra disa' (9) punti f'rasu. Gharaf mir-ritratti lilu murija kemm il-lok fejn gara l-incident, fejn gie aggredit missieru, vicin id-dar taghhom stess, il-qasrija fil-karozza, il-kanna u l-pushchair li kienet uzat omm Doreen Saliba.

Ikkonferma li missieru meta qala' d-daqqa kien fir-rampa tal-garaxx – vide ritratt 113.

Ftakar illi gol-pjanti kienu jzommu sikkina. Muri r-ritratt 152 qal illi dik kienet simili.

In kontro ezami kkonferma li hu kien nehha l-ewwel lil George Saliba, imbaghad lil Camilleri minn fuq missieru, pero jghid illi fl-ebda hin ma ra s-sikkina lilu murija. Qal illi hu ghalih issemmiet sikkina biss meta hu kien hareg mill-Isptar u kienu kellmuh il-pulizija, tant illi xehed illi hu bil-griehi sofferti minn George Saliba sar jaf wara.
Qal illi hu lil George Saliba ma ralux daqqiet jew demm. Qal pero li l-unika ticpis ta' demm li seta' kellu kien jew tieghu jew ta' missieru.

Xehdet ukoll **mart l-imputat Carmen Farrugia**.
Spjegat illi hi kienet ghalliema fl-Iskola Primarja ta' Hat Attard.
Dwar il-girien qalet illi kienu anke ffirmaw petizzjoni minhabba permess biex ma jahdimx gol-akkwati residenzjali – xoghol ta' mechanic. Qalet illi kellhom varji disgwidi bejniethom; illi anke kien hemm okkazjonijiet fejn hi u zewgha jkunu bit-tfal u kienu dawn il-girien jigru warajhom u

jhedduhom. Spjegat illi kien certu Salvu Camilleri li kien jahdem bhala mechanic go garaxx minghajr permess. Xehdet illi anke rrapurtaw lill-MEPA u lill-pulizija.

Spjegat dwar l-incident illi hi kienet ghadha kif dahlet id-dar u semghet minn barra storbju mhux tas-soltu. Meta fethet il-bieb hi tghid li semghet certa aggressivita' verbali li nkwetatha. Spjegat illi meta harget barra sabet lil Grace u Doreen Saliba jindirizzaw lil zewgha li kien qed idahhal il-karozza mid-drive-in ghal gol-garaxx. Gieha f'mohhha li ccempel lill-pulizija, pero xehdet illi bil-fixla ma setghetx issib il-mobile. Regghet harget u nnutat li kienu zdiedu n-nies - semmiet lil Salvu Camilleri, Doreen Saliba, li tghid li kellhom hadida f'idejhom. Qalet illi dawn kienu marru vicin ir-ragel taghha u li kienu kollha jigu mill-mechanic. Spjegat illi Grace Saliba kellha f'idejha hadida li gia' kienet uzat darba ohra – iddeskrivietha bhala pole ta' Christmas Tree. Qalet illi George Saliba, it-tifel ta' Grace, kellu hadida u ratu hiereg mill-garaxx ta' Salvu Camilleri. Spjegat illi meta regghet harget rat lil zewgha mal-art bid-demm ma' rasu u Salvu jserrah irkubbtejh fuq sidru. Marret tintervjeni, tghid biex tghinu, pero stante li ma rnexxilhix, ghalhekk iddecidiet li tmur l-ghassa ghall-pulizija.
Rat lil binha jigri qisu 'l hawn u 'l hemm. Tghid illi baqghet ma sabitx il-mobile fil-konfuzjoni.

Waslet l-ghassa bil-karozza, sabitha maghluqa, regghet irritornat lura. Hemm tghid illi x-xena kienet aktar imxiet lejn id-dar taghha. Rat persuna b'pushchair tipprova taghti lil binha bih, u zewgha fuq it-tarag jipprova jimbuttahom lura. Ziedet illi waqt li kienet qed tipparkja wiehed minnhom ta daqqa fuq il-hgiega tal-karozza u faqaghha go wiccha. Spjegat illi dan ghamlu George Saliba mhux it-tifel ta' Grace, imma

hu Mariella mart Salvu. Ziedet illi ma kinx dak illi hi kienet rat bil-hadida qabel.

Qalet illi kif harget mill-karozza waslu l-pulizija.

Spjegat dwar zewgha li kellu demm niezel u hwejgu mqattghin. Anke li binha hassu hazin u li waqa' mal-art. Spjegat illi missier George Saliba li ta d-daqqa kien anke sejjer biz-zappun ghalihom, pero waqqfuh il-girien.
Ghaliha x-xena kienet wahda nkwetanti u tal-biza'.

Fl-incident tghid illi sofriet xi griehi minuri minhabba l-hgieg.

Mistoqsija kif spiccat wegghet persuna ohra f'dan l-incident, ziedet illi l-persuna l-ohra mhux vera wegghet imma kienet imcappsa bid-demm ta' zewgha u binha.
In kontro ezami wiegbet illi hi fil-glieda qatt ma rat sikkina u fl-ebda hin ma rat lil zewgha jaghti b'sikkina. Tikkonferma li lill-ohrajn rathom bil-hadida f'idejhom. Mistoqsija minn fejn harget is-sikkina, minn fejn giet, wiegbet illi ma kinitx taf.

Xehed ukoll fuq talba tad-Difiza l-**Ispettur Joseph Mercieca**. Ezebixxa lista tar-rapporti li ghamel l-imputat bejn is-snin 2007 u 2013, Dok JM. Ma kinx jaf id-dettalji tar-rapporti hemm riprodotti.

Maghluqa l-provi kollha, ghaddiet biex tisma' t-trattazzjoniijet.

Ikkunsidrat:

Illi kif verament qal l-Abbli Avukat Difensur, fil-fatt jirrizulta mill-atti illi hawn si tratta ta' zewg verzjonijiet, diversi u

opposti – dik tal-imputat u familtu, u ta’ George Saliba u familtu, inkluz Salvu Camilleri.

Ikkonsidrat:

Illi l-imputat jipprezenta verzjoni fl-istqarrija ghall-bidu li ma jafx li seta’ uza sikkina, anzi kwazi neganti ta’ dan il-fatt. Aktar tard jghid illi jekk uzaha nesa li ghamel dan. Viva voce jghid illi kien imbezza’ u mwerwer. Issa jaghti l-impressjoni li jekk uza s-sikkina ghamel dan biex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni li kien qieghed jircievi.

Minn naha l-ohra ghandna verzjonijiet li jghidu li Farrugia gab is-sikkina mill-bagoll tal-karozza – dan tghidu Doreen Saliba, ohrajn Saliba George u Camilleri li gabha minn wara, qisu mill-but tal-qalziet. Il-familja ta’ Saliba kollha fix-xhieda jaqblu li Farrugia attakka lil George Saliba bis-sikkina u taptaphielu f’sidru. L-azzjoni skondthom kienet hekk: litigju bejn Farrugia u n-nisa Saliba (fuq dan hemm qbil). Saliba George imur jikkalma s-sitwazzjoni u hekk f’daqqa Farrugia wahhallu s-sikkina go sidru. Minn naha taghhom il-familja Saliba, inkluz dejjem Salvu Camilleri, innegaw li xi hadd minnhom aggredixxa lill-imputat jew lil ibnu.

Jibqa’ l-fatt illi George Saliba spicca b’daqqa ta’ strument li jaqta’ li ppenetralu l-pulmun. George Farruga b’xebgha kbira, qsim allarmanti f’rasu, u ibnu bi griehi hfief. Doreen Saliba wkoll sofriet griehi ta’ natura hafifa (vide Dok MH).

L-Avukat Difensur fit-trattazzjoni tieghu ghamel referenza kemm ghar-ritratti ezebiti mis-SOCO, kif ukoll ghall-pjanta redatta mill-Perit Richard Aquilina (espert Arkitett mahtur fl-Inkjesta).

Il-Qorti hadet konjizzjoni serja u approfondita tal-istess. Jirrizulta minn hemm illi certament xi hadd tefa' gol-vettura tal-imputat qasrija. Xi hadd jidher, minhabba d-daqqiet li ghandha l-vettura l-ohra misjuqa mill-mara tal-imputat, illi agredixxa l-istess vettura. Il-pushchair imsemmi jezisti u kien fuq is-sit tal-incident.
Fatt iehor interessanti hu li jidher mit-taqtir ta' demm kif jirrizulta mill-pjanta tal-Perit u mir-ritratti.

Ghalhekk, kontrarjament ghal dak illi xehdu n-naha ta' Saliba, l-imputat kien fil-fatt avvicinat minnhom mhux bil-kontra, stante li l-incident jirrizulta aktar kwadrat lejn ir-residenza ta' Farrugia, u xejn hdejn dik ta' Saliba jew Camilleri.

Illi jidher kif gia' inghad illi hemm qbil illi dan kollu nqala' minhabba tghajjir bejn l-imputat u n-nisa Saliba. M'hemmx qbil min beda dan id-diverbju.

Issa Salvu Camilleri u George Saliba, illi ma kienu xejn involuti f'dan id-diverbju, jidhru u anzi jirirzulta li marru jindahlu, skondthom ghaliex Farrugia kien qieghed verbalment jagredixxi lin-nisa taghhom. Jghidu dawn illi marru jferrqu – xiex mhux car, ghax in-nisa u Farrugia ma gewx fl-idejn, pero spiccaw huma fl-idejn!! Farrugia minn naha tieghu, u dan rah anke ibnu, xehed illi Saliba avvicinah b'hadida. Anzi dawn li marru jferrqu tefaghlu anke pjanta gol-karozza!

Farrugia spicca jaqla' xebgha sew bil-konsegwenzi registrati minn Dr Mario Scerri. Spicca mdawwar bi grupp sostanzjali ta' nies kollha familja wahda, kollha favur Camilleri li mieghu l-imputat kellu ghal tul ta' zmien varji diverbji u litigji

minhabba xoghol ta’ mechanic - allegatament bla permess hdejn ir-residenza tieghu. Ibnu spicca, anke ghax nizel jghin lil missier, qala’ xebgha wkoll.

Temmen il-Qorti wkoll, illi xi hin Farrugia uza sikkina. Mhux car minn fejn giet din – jekk gabhix mill-front garden jew mill-karozza. Jghid illi hu x’hin rawhom sejrin ghalih twerwer. Invoka ghalhekk il-legittima difeza b’hekk. Frankament hija anke l-impressjoni ta’ din il-Qorti li l-imputat laghbha ftit tal-iblah fejn si tratta l-uzu tas-sikkina. Temmen illi ra li kien ser jigi aggredit, u rrikorra ghaliha biex jilqa’ l-aggressjoni. Temmen fil-fatt dik il-parti fejn Camilleri jghid illi hu ssara mieghu ghaliha, u dan kisser l-istess. Pero frankament l-iskantament tal-familja Farrugia dwar il-griehi sofferti minn George Saliba, u dawk ta’ Saliba u Camilleri dwar kif wegga’ l-imputat, xorta huma ghal kollox inkredulenti.

Kif gia’ ntqal, id-Difiza qajmet id-difeza legittima dan ai termini tal-Artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li jaqra:
“*Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta’ wieħed innifsu jew ta’ ħaddieħor.*”

Illi in ezami ta’ din id-difiza mressqa, il-Qorti ser taghmel is-segwenti analizi ta’ xi sentenzi tal-Qrati taghna u guristi barranin, biex jigi ben mifhum xi trid il-Ligi biex tigi sodisfatta l-eccezzjoni tal-legittima difesa, fejn intqal hekk:

“*Din il-Qorti biex tezamina din l-eccezzjoni taghmel hawn referenza ghal dak li qalet il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-*

*kawza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Alfred Mallia) v Francis Grima deciza fis-27 ta' Gunju, 2002 Appell Nru. 46.2002.*
*"Illi hu risaput li biex tmexxi pjenament l-eccezzjoni ta' "legittima difesa" jinhtieg li jinkorru flimkien certi elementi senjatament li jkun hemm attakk jew aggressjoni, li dan l-attakk ikun sar f'daqqa u jkun gravi u ingust, u ukoll li l-perikolu ikun inevitabbli ra li l-agent ma jkollux mezz iehor hlief dak li jkun uza biex jirrespingi l-attakk. Fuq kollox imbaghad ikun hemm bzonn li bejn l-azzjoni (l-attakk) u – reazzjoni ta' dak li jkun ikun hemm il-proporzjonalita'".*

*L-istess Qorti issa preseduta mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizja v Julian Mercieca deciza fis-6 ta' Jannar, 2003, qalet hekk dwar din l-eccezzjoni:*
*"Wiehed jagixxi in legittima difesa biex jipprova jevita l-hsara li gara gejja fuqu, u mhux biex jirritalja ghal hsara li tkun diga saret".*

*Ticcita hawn ukoll din il-Qorti l-istudju fit-tul li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell Kriminal (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v Eleno sive Lino Bezzina , deciza fl-24 ta' April, 2003 Nru 10/1994:*

*"Illi ma' dan wiehed izid li fil-gurisprudenza nostrana jinghad illi fil-konsiderazzjoni tal-kuncett tal-legittima difiza "... huwa appena necessarju jinghad li rekwizit indispensabbli ghad-detriment tal-legittima difiza hija l-inevitabbilita', meta l-akkuzat "cannot escape though he would" bil-korollarju li ma nistghux nitkellmu dwar legittima difiza jekk l-akkuzat "would not escape though he could" (Repubblika ta' Malta v Martin Galea deciza fl-14 ta' Jannar, 10986 – Kollezz. Vol LXX.v. 604)."*

*Illi anke l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kellha okkazjoni sabiex titkellem dwar din id-difiza. Difatti fis-sentenza moghtija mill-isemmija Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v Salvu Psaila" deciza fid-9 ta' Novembru, 1963 (per Onor. Imh. A.V. Camilleri) inghad illi:-*

*"... l-gustifikazzjoni tal-legittima difiza timplika li:*

*<u>Id-deni</u> li jigi repellit mill-agenti jkun <u>ingust</u> fil-kawza tieghu u l-attakk ta' l-assalitur ikun ingust u illegittimu u ghalkemm dan irid jigi rigwardat fis-sens intrinsiku u mill-impressjoni soggettiva li jircevi l-vjolentat eppure min bl-imgieba u kontenju tieghu, ikun kawza mmedjata qabel ma jinsab fil-periklu ma jikkompetilux li jkollu l-impunita' pjena jew shiha;*
*<u>Id-deni jrid ikun</u> attwali u prezenti <u>filwaqt</u> tar-reazzjoni; u fl-ahharnett li*
*Id-deni jkun <u>invevitabbli</u> l-ghaliex bla ma jkun hemm in-necessita' tad-difiza r-reazzjoni ta' min igib 'il quddiem il-"feci sed juri feci" ma jistax jghid li jkun ipprova l-legittimita' ta' l-att 'per se' antiguridiku tieghu. Jinghad imbaghad li huwa accertat fid-Dottrina li d-deni minaccjat u l-perikolu sovrastanti jridu jkunu ta' gravita' u bejniehthom (denim inn banda u perikolu minn naha l-ohra) il-fatt tar-reazzjoni estrinsikata biex l-istess deni jigi evitat irid ikun hemm proporzjalita'."*
*Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Augusto Auguliaro deciza fis-26 ta' Awwissu, 1998, intqal minn dik l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) illi:*
*"Mhux kull min 'jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka dan l-artikolu (b'referenza ghal artikolu 223 tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta' Malta. Il-ligi titkellem car dwar il-*

*'bzonn attwali tad-difiza legittima ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka din l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi w inevitabbli. L-element tal-inevitabilita' jigi nieqes meta wiehed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia l-glied li jara gew minn dan ikun jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita huwa stess il-konfront fiziku."*

*Illi kif tajjeb intqal minn Lord Justice Widgery fil-kawza "R vs Julien" (1969) 1 WLR 839):*

*"It is not ... the law that a person threatened must take to his heels and run in the dramatic way suggested by Mr McHale; but what is necessary is that he should demonstrate by his actions that he does not want to fight. He must demonstrate that he is prepared to temporize and disengage and perhaps to make some physical withdrawal; and that that is necessary as a feature of the justification of self-defence is true, in our opinion, whether the charge is a homicide charge or something less serious."*

L-Antolisei, Manuele di Diretto Penale, Parte Generale, pg 261, jghid hekk dwar il-legittima difesa:
"*Occorra infine che l'aggresione abbia creato per il diritto preso di mira un pericolo attuale. Il Codice Zandrelli parlava di pericolo imminente dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula (pericolo attuale) si e voluto porra un rilevo che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e il pericolo presente.*"

Mela in linea ma’ dan kollu, biex din l-eccezzjoni treggi, jinhtieg illi nhass minn naha tal-aggredut il-bzonn attwali tad-difiza tiehgu ghax l-aggressjoni kienet attwali u prezenti. Certament dan irid ikun ezami soggettiv, pero mehud minn lenti ta’ bniedem ragonevoli. Inutli jigi ezaminat x’hass per ezempju bniedem li huwa gia’ nklinat ghall-vjolenza kif appena thares lejh, ghax certament l-ezami soggettiv tieghu mhux dak ta’ “*any other common man in the street*”.

George Farrugia jirrizulta lil-Qorti li huwa bniedem normali li kapaci jaghmel ‘assessment’ ta’ sitwazzjoni b’mod normali.

Farrugia jiddeskrivi li ra lil Saviour Camilleri u George Saliba johorgu mill-garaxx u resaq lejh bl-ghagla. Dan waqt li ghaddej diverbju bejnietu u bejn Doreen u Grace Saliba, li huma parti mill-familja ta’ George u Saviour. Ra lil wiehed minnhom jaqbad qasrija, dejjem waqt illi qed javvicinah u jitfa’ l-istess qasrija gol-karozza tieghu, waqt illi allura dan George qieghed vicin l-istess garaxx tieghu, ghax kif xehed hu, kien ser idahhal il-vettura fil-garaxx, dan hu ferm probabbli. Ra l-inkwiet u ried idahhal il-vettura tieghu u ta’ martu (it-tnejn Peugeot) gol-garaxx. Hawn jghid illi hu gie aggredut minn wara, fis-sens illi qala’ daqqa go rasu minn wara. Jghid hu illi storda – ukoll probabbli. Jghid illi xi hin, ghax beza’ u kien imwerwer, qabad is-sikkina biex jiddefendi ruhu, skondtu sikkina li hu kien izomm fil-gnien biex jaqta’ l-haxix hazin – anke dan probabbli. L-imputat ra wkoll li avvicinah b’hadida f’idu.

Minn naha l-ohra, Saliba u Camilleri jaghtu l-impressjoni li hekk ghal xejn b’xejn, l-imputat dar fuq Saliba li mar biss biex iferraq u qalaghlu daqqa ta’ sikkina. Fil-fatt il-familja Saliba u Camilleri jaghtu l-impressjoni li huma spiccaw il-

vittmi u donnhom jinsew li marru huma ghall-imputat u li kienu huma numerikament dominanti.

Anke jekk il-Qorti tqis illi ssibha difficli temmen li Farrugia ma jiftakarx bid-daqqa tas-sikkina, qisha din waqghet mis-sema, tqis illi fic-cirkostanzi kollha maghduda, l-istorja tal-antagonizmu li sofrew il-familja Farrugia minn idejn il-parte leza u l-familja estiza taghhom, l-aggressjoni subita anke fuq iben l-imputat, illi huwa probabbli li hu rrikorra ghall-arma in difesa, tenut kont illi f'dak il-mument kien qed jigi aggredut minn George Saliba u Saviour Camilleri.

Ghaldaqstant qieghda tilqa' l-eccezzjoni ta' legittima difesa u tillibera lill-imputat mir-reati kkontemplati taht l-Artikoli 214, 215, u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan fil-konfront tal-griehi gravi sofferti minn George Saliba.

Dwar il-griehi sofferti minn Doreen Saliba, dawn gew certifikati bhala hfief minn Dr Victor Buhagiar (Dok DZ). Tghid illi l-imputat laqaghtha b'sikkina meta allura hi marret tindahal biex tohodhielu ghax skondtha dan kien qed jigi mizmum minn idu, li fiha kellha s-sikkina.
Tifhem il-Qorti li allura hi ntlaqtet waqt it-taqtiegha li frankament tghid ukoll illi lilha George Farrugia laqaghtha ghax dar ghaliha. Senjalament qalet ukoll illi dan kollu gara hdejn ir-rampa tal-garaxx tal-imputat. Hawn terga' l-Qorti tirrepeti dak li qalet fil-konfront ta' legittima difeza u terga' tenfasizza li l-imputat kien f'daru jew fil-vicinanza ferm taghha, ghax ir-rampa hija dik tal-garaxx tieghu ta' mar-residenza tieghu, u kien iccirkondat b'varji membri tal-familja ta' George Saliba u Saviour Camilleri.
Ghaldaqstant, anke f'dan il-kaz, qieghda taccetta l-eccezzjoni tal-legittima difesa.

Ghalhekk il-Qorti qieghda tillibera lil George Farrugia mill-akkuzi kontemplati fil-Artikoli 214, 215, 218, 217, 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar ir-reat mahsub fl-Artikoli taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan l-Att jaghmel referenza fid-definizzjoni tieghu ta’ “*arma regolari*”, ghall-Artikolu 64 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Dan l-Artikolu jiddefinixxi arma regolari b’dan il-mod:
“*64. (1) Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-għodod l-oħra kollha li għandhom bħala skop prinċipali d-difiża ta’ wieħed innifsu jew l-offiża ta’ ħaddieħor.*

*(2) L-armi, strumenti u għodod oħra kollha ma jitqisux bħala armi, ħlief meta fil-fatt jiġu wżati għall-offiża jew għad-difiża, u f’dan il-każ jissejħu armi irregulari.*”

Konsegwentement sikkina kif uzata minn George Farrugia zgur mhix intiza ghad-difiza, u mhix konsiderata bhala arma regolari imma arma rregolari. Mhix applikabbli ghalhekk l-Artikolu 3 fil-projbizzjoni tieghu.

L-Artikolu 6 addebitat jitkellem issa fuq licenzja ghall-garr ta’ skieken. Hemm nuqqas ta’ qbil minn fejn giet is-sikkina ta’ Farrugia - bagoll, but jew gardina.
Il-Qorti, la l-incident okkorra vicin ir-rampa, lesta tiehu bhala veritjiera l-verzjoni ta’ Farrugia li kienet fir-rampa (gol-ixtieli). M’hemmx bzonn, skont l-Artikolu 6, ebda licenzji stante li s-sikkina kienet ‘il barra mill-fond imma fid-dintorni tieghu (rampa).

Il-bzonn ta’ licenzja ta’ armi b’xifer mizmuma f’xi fond, skont l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 460 tal-Ligiijet ta’ Malta, mhix necessarja.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tillibera lil George Farrugia anke mir-reati kontemplati taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-ahhar addebitu in ezami huwa dak kontravenzjonali kontemplat fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Ma tistax tghid il-Qorti, illi hawn l-ingurji lejn Doreen u Grace Saliba ma sarux. Fil-fatt dejjem hemm qbil dwar id-diverbju li sehh bejniethom.
Stante li l-Qorti tibqa’ ssostni li ma tafx min beda l-istess, pero certament tkompla. Ma tqisx illi kien kaz ta’ provokazzjoni u ghalhekk issib htija ai termini tal-Artikolu 339 1(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannah ghal ammenda ta’ tmienja u hamsin Ewro (€58).

Dwar l-ispejjez legali nkorsi, qieset il-htija li sabet u l-akkuzi li bihom kien originarjament akkuzat.
Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat illi l-Qorti tista’ taghti ordni li tikkundanna lill-hati ihallas l-spejjez peritali biss in parte;
Tqis illi stante l-liberatorji moghtija Ghandha timxi hekk ma’ George Farrugia, u qieghda konsegwentement tikkundannah ghall-kwart tal-ispejjez legali nkorsi fit-total ta’ tliet elef hames mija u tmienja u tmenin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€3,588.62), cioe’ ghal tminn mija u sebgha u disghin Ewro u hmistax-il centezmu (€897.15).

Rat ukoll l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u biss biex tipprovdi ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, taghmel Ordni ta’ Protezzjoni ghall-perjodu ta’ tlitt (3) snin, a favur George Saliba, Saviour Camilleri, Doreen Saliba u Grace Saliba, b’dan illi l-imputat m’ghandu jikkrealhom ebda fastidju.

Jigi premess illi tali Ordni qed issir bla pregudizzju tal-imputat li jmexxi kull lanjanzi li jista’ talvolta jkollu kontra l-imsemmija.

Tigbed ukoll l-attenzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, illi dawn il-proceduri jidhru li gew instigati minn allegat xoghol bla permess minn naha ta’ Saviour Camilleri f’zona residenzjali ghal tul ta’ zmien. Jekk dan mhux il-kaz, ghandu jigi nvestigat bil-mod idoneu li jixraqlu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------